Il-Kummissjoni
Ewropea



# Juvenes Translatores

### Konkors li jippremja lill-aħjar tradutturi żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea

## MIN JISTA' JIEĦU SEHEM?

Studenti fil-livell postsekondarju li twieldu fl-2006.

## XI JKUN?

Id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni fil-Kummissjoni Ewropea ilu mill-2007 jorganizza l-konkors annwali Juvenes Translatores fi skejjel madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Il-konkors tat-traduzzjoni jagħti liż-żgħażagħ togħma tax-xogħol tat-traduzzjoni, iħeġġiġhom jitgħallmu l-lingwi barranin, u jista' wkoll jispira lil xi wħud minnhom isiru tradutturi professjonali. Kull sena, jieħdu sehem madwar 3,000 student minn kważi 700 skola.

## META?

### Qabel il-konkors

L-iskejjel iridu jirreġistraw fuq is-sit web ta' Juvenes Translatores bejn l-4 ta' Settembru u s-16 ta' Ottubru 2023.
L-iskejjel jintgħażlu bil-polza — l-għadd ta' skejjel li jitħallew jieħdu sehem f'kull pajjiż tal-UE huwa bbażat fuq l-għadd ta' siġġijiet li jkollu l-pajjiż fil-Parlament Ewropew (sitta, fil-każ ta' Malta).

### Jum il-konkors (23 ta' Novembru 2023)

Fl-istess jum, fil-pajjiżi kollha tal-UE, l-istudenti jittraduċu test taħt is-superviżjoni tal-għalliema tagħhom.

### Wara l-konkors: ċerimonja ta' premjazzjoni fi Brussell (l-ewwel xhur tal-2024)

It-testi jikkoreġuhom tradutturi fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni, li jagħżlu l-aħjar traduzzjoni minn kull pajjiż tal-UE. Is-27 rebbieħ se jiġu mistiedna jieħdu sehem fi żjara ta' tlett ijiem fi Brussell, u jingħataw trofew.

## MINN LIEMA LINGWI U GĦAL LIEMA LINGWI JISTA' JIĠI TRADOTT IT-TEST?

Kwalunkwe lingwa mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

L-istudenti jaħdmu fuq test bil-lingwa tal-għażla tagħhom...

...u jittraduċuh għal lingwa oħra tal-għażla tagħhom

ec.europa.eu/translatores   facebook.com/translatores   instagram.com/translatingforeurope/

Iktbilna: DGT-TRANSLATORES@ec.europa.eu

**#JuvenesTranslatores**